



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 12.3.2012
COM(2012) 100 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2004 dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritatijiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi (ir-Regolament dwar kooperazzjoni fil-protezzjoni tal-konsumaturi)

WERREJ

1.	Daħla	3
2.	In-Netwerk CPC: L-iżviluppi riċenti fil-qafas legali u istituzzjonali.....	4
2.1.	Il-qafas ġuridiku	4
2.2.	L-iżviluppi riċenti fil-qafas istituzzjonali.....	4
2.3.	Is-sistema CPC	5
2.4.	Riżorsi allokati lin-Netwerk CPC	6
2.5.	Il-Kumitat CPC	6
3.	In-Netwerk CPC: Ħafna titjib iżda għad baqa' ħafna xi jsir	7
3.1.	Xejriet Statistiċi matul il-perjodu ta' referenza	7
3.2.	Valutazzjoni ġenerali	8
3.3.	In-Netwerk CPC: sforzi ulterjuri meħtieġa	9
4.	Oqsma oħra ta' kooperazzjoni: Attivitajiet komuni u l-iskambju ta' uffiċjali	11
4.1.	Attivitajiet komuni u l-iskambju ta' uffiċjali	11
4.2.	Kooperazzjoni internazzjonali	11
5.	Konklużjonijiet u prospettivi għall-ġejjeni	12
5.1.	Konklużjonijiet	12
5.2.	Prospettivi għall-ġejjeni	13
	ANNESS	15

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2004 dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi (ir-Regolament dwar kooperazzjoni fil-protezzjoni tal-konsumaturi)

1. DAĦLA

Is-suq intern sar parti mill-ħajja ta' kuljum tal-konsumaturi kull meta jixtru oġġetti u servizzi. Sabiex jiġu sfruttati bis-sħiħ il-benefiċċji potenzjali u l-opportunitajiet ġodda li dan joffri f'termini ta' għażla, kwalità u prezz, il-konsumaturi Ewropej iridu jħossuhom fiduċjużi dwar il-fatt li d-drittijiet tagħhom qed jiġu protetti kull fejn jagħżlu li jixtru. Dan huwa partikolarmen minnu għad-dimensjoni onlajn tas-suq intern.

Ir-Regolament dwar il-kooperazzjoni fil-protezzjoni tal-konsumatur¹ ("ir-Regolament") ġie adottat fl-2004 b'dak l-iskop. Huwa jistabbilixxi qafas li jippermetti l-infurzaturi fl-Istati Membri biex jaħdmu mill-qrib flimkien sabiex malajr u effettivament iwaqqfu l-prattiki kummerċjali li jiksru l-liġijiet dwar il-konsumatur kull meta l-konsumaturi u l-kummerċjanti huma stabbiliti fpajjiżi differenti. Lin-negozji, ir-Regolament jiggħarantixxilhom kundizzjonijiet indaqs u joffrilhom l-assigurazzjoni li negozjanti dīżonesti jitkeċċew mis-suq.

Ir-rapport preżenti huwa mitlub mill-Artikolu 21 tar-Regolament li jipprovd iċċ-ħal evalwazzjoni tal-applikazzjoni tiegħu fuq bażi biennali. Ir-rapport preżenti jkopri ss-snin 2009 u 2010. Huwa t-tieni rapport biennali stabbiliti mill-Kummissjoni².

Ir-rapport jorbot kemm l-istima tal-Kummissjoni tal-iżviluppi kif ukoll ir-rispons li jasal mingħand l-Istati Membri fil-forma ta' rapporti nazzjonali mressqa lill-Kummissjoni matul l-ewwel kwart tal-2011. Jiffoka fuq l-operazzjonijiet tan-netwerk CPC stabbilit bir-Regolament u jeżamina, b'mod partikolari, jekk in-nuqqasijiet identifikati fir-rapport biennali tal-Kummissjoni tal-2009 ġewx rettifikati kif xieraq.

Ir-rapport għandu wkoll jinqara fil-kuntest ta' riflessjoni kontinwa dwar is-suċċess tar-Regolament fir-realizzazzjoni tal-ġhan tiegħu li jtejjeb il-protezzjoni tal-interessi ekonomiċi tal-konsumaturi³.

¹ Ir-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2004 dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi (ir-Regolament dwar kooperazzjoni fil-protezzjoni tal-konsumaturi); ĠU L 364, 9.12.2004, p. 1.

² COM(2009) 336 finali tat-2.7.2009.

³ L-Artikolu 1 tar-Regolament.

2. IN-NETWERK CPC: L-IŻVILUPPI RIĊENTI FIL-QAFAS LEGALI U ISTITUZZJONALI

2.1. Il-qafas ġuridiku

Il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni tar-Regolament japplikaw biss għall-infurzar tal-atti ġuridiċi elenkti fl-Anness tiegħu.

Mill-adozzjoni tar-Regolament fl-2004, diversi proposti leġiżlattivi rriżultaw f'bidliet lill-Anness, prinċipalment sabiex il-lista ta' atti ġuridiċi tespandi (eż. l-inklużjoni f'Novembru tal-2009 tal-Artikolu 13 tad-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjonijiet elettroniċi⁴). Ġew introdotti aktar tibdiliet bil-bidla fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar reklamar qarrieqi u komparativ⁵ u r-revoka tad-Direttiva 87/102/KEE dwar krediti tal-konsumatur.

Biex telimina kull ambigwità potenzjali dwar il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament, il-Kummissjoni ressjet proposta legiżlattiva⁶ fl-2010 li ġiet adottata fl-14 ta' Settembru 2011 u li mmodifikat l-Anness tar-Regolament sabiex jirrifletti l-bidliet kollha li seħħew mill-2004 'l quddiem. Din għandha ġġib ċarezza legali, b'mod partikolari, dwar l-inklużjoni tad-Direttiva l-ġidida 2008/48/KE⁷ dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur⁸.

2.2. L-iżviluppi riċenti fil-qafas istituzzjonali

In-Netwerk CPC huwa magħmul mill-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar li huma notifikati lill-Kummissjoni mill-Istati Membri. Il-lista ta' dawn l-awtoritajiet hija ppubblikata kull sena fil-Ġurnal Uffiċjali⁹.

Mill-2009, in-Netwerk f'termini ġenerali laħaq fażi aktar stabbli f'termini tal-qafas istituzzjonali tiegħu, filwaqt li l-ewwel sentejn tal-operat kienu mmarkati mill-isforzi magħmula mill-Istati Membri biex jistabbilixxu kompletament in-Netwerk CPC.

Xi bidliet fl-Anness tar-Regolament deskritti hawn fuq kellhom impatt fuq in-Netwerk: (1) l-awtoritajiet responsabbi għall-infurzar tad-Direttiva 2008/48/KE dwar ftehim ta' kreditu għal konsumatur kienu esklusi temporanjament sakemm l-emenda għar-Regolament tiġi adottata u (2) awtoritajiet ġodda responsabbi għall-infurzar tal-Artikolu 13 tad-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjonijiet elettroniċi qed jiġu konnessi kif notifikat lill-Kummissjoni.

Aġġustamenti oħra għan-netwerk notifikati lill-Kummissjoni wara pereżempju ċaqliq f'portfolji Ministerjali fil-livell nazzjonali, setgħu kollha jiġu implementati mingħajr ma jaffettaw ħażin lin-Netwerk, bl-eċċeżżjoni ta' Stat Membru wieħed li rrappo li kelli diffikultajiet u dewmien sinifikanti fil-livell nazzjonali għal awtorità waħda.

In-nuqqas ta' kwalunkwe rabta mal-ġħoddha tal-IT komuni użata min-Netwerk issa sar marġinali u jinsab ġeneralment f'oqsma fejn il-koperazzjoni għadha okkażjonali (eż.

⁴ ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37.

⁵ ĠU L 376, 27.12.2006, p. 21.

⁶ ĠU L 259, 4.10.2011, p 1.

⁷ ĠU L 133, 22.5.2008, p. 66.

⁸ L-Anness tar-Regolament CPC jista' jinbidel iktar fis-snin li ġejjin minħabba l-adozzjoni ta' testi leġiżlattivi ġodda fil-qasam tal-ħarsien tal-konsumatur.

⁹ L-aħħar pubblikazzjoni: Il-lista sħiħa - ĠU C 206, 2.9.2011 u l-Addendum – ĠU 356, 6.12.2011.

l-infurzar tal-Artikoli 86–100 tad-Direttiva 2001/83/KE). Il-Kummissjoni qed tkompli ssegwi dawn is-sitwazzjonijiet mill-qrib.

2.3. Is-sistema CPC

Element ċentrali tan-Netwerk CPC huwa s-Sistema-CPC, l-għodda komuni tal-IT użata mill-awtoritajiet għall-iskambju tat-tagħrif.

Matul il-perjodu ta' referenza, il-Kummissjoni kompliet bl-isforzi tagħha biex ittejjeb din l-għodda u ssahħħa il-faċilità tal-użu tagħha bl-ġħajnuna tal-grupp ta' utenti prinċipali stabbilit fl-2006.

Ix-xogħol preparatorju estensiv li jippreċedi l-iżvilupp tal-karatteristiċi l-ġodda tal-IT kien iffinalizzat għall-Artikolu 9 tar-Regolament. Il-ftehim dwar l-implementazzjoni ta' dan l-Artikolu fl-ġħodda tal-IT ittardja fil-fażi tal-ftehim mal-Istati Membri sabiex tinkiseb biżżejjed esperjenza prattika fil-qafas tal-“kontrolli”, l-ewwel attivitajiet miftiehma ta' sorveljanza u infurzar fis-suq imwettqa min-Netwerk CPC. Fl-2012 l-implementazzjoni ta' dawn il-funzjonalitajiet il-ġodda se tiffaċilita l-koordinazzjoni ta' attivitajiet ta' infurzar li jinvolvu diversi awtoritajiet.

Titjib ieħor ippjanat issuġġerit mill-utenti jinkludi t-titjib tal-funzjonalità tat-tifstix u l-iżvilupp tas-Sistema CPC f'għodda multilingwi. L-utenti nnutaw ukoll li dan ħa pjuttost ġafna ħin biex jirreaġixxi. Din il-kwistjoni ġiet investigata mis-servizzi tal-IT tal-Kummissjoni u qed tiġi indirizzata.

Il-kunsiderazzjoni jiet tal-protezzjoni tad-dejta wkoll kienu sinifikanti fil-perjodu ta' referenza. Il-priorità prinċipali tal-Kummissjoni hija li timplimenta l-parti l-kbira tar-rakkmandazzjoni jiet magħmula f'Settembru 2007 mill-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29, li jinkludi l-awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-dejta. Id-Deċiżjoni rilevanti tal-Kummissjoni¹⁰ u r-Rakkmandazzjoni¹¹ kien abbozzati u diskussi mal-Istati Membri fl-2010 u formalment adottati fl-1 ta' Marzu 2011. Salvagwardji addizzjonali tal-protezzjoni tad-dejta fis-Sistema CPC, pereżempju fil-forma ta' twissijiet lill-utenti permezz ta' messaġġi li jitilgħu fuq l-iskrin fl-istadji ewlenin tal-fluss tax-xogħol, kienew ġew implementati fl-2009.

Il-Kummissjoni ħadmet ukoll mill-qrib mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta (EDPS) matul dan il-perjodu biex tiffinalizza l-proċedura verifika minn qabel. Fl-opinjoni tiegħu¹² l-EDPS jikkonferma li r-Regolament jipprovd bażi legali soda għall-iskambju tat-tagħrif u jilqa' l-isforzi magħmula mill-Kummissjoni biex tintegħha l-protezzjoni tad-dejta fit-tfassil tal-ġħoddha tal-IT kif ukoll fil-proċeduri tal-immaniġġjar komuni stabbiliti għan-Netwerk. Iżda l-EDPS jirrakkomanda li jiġi kkunsidrat aktar titjib.

L-aktar kwistjoni urgħenti li jeħtieġ li tiġi indirizzata hija s-sejba ta' mekkaniżmu li jkun jista' jitħaddem għall-ittrattar ta' talbiet li jidħlu mingħand suġġetti tad-dejta dwar id-drittijiet ta' aċċess u t-tweġġibiet għal dawn it-talbiet. L-istabbiliment ta' tali mekkaniżmu ta' koordinazzjoni jidher li hu partikolarment kumpless. L-isfida

¹⁰ ĠU L 59, 4.3.2011, p. 63.

¹¹ ĠU L 57, 2.3.2011, p. 44.

¹² Opinjoni tal-EDPS dwar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/141/UE, u dwar ir-Rakkmandazzjoni tal-Kummissjoni 2011/136/UE rigward linji gwida għall-implementazzjoni tar-regoli tal-protezzjoni tad-dejta fis-CPCS bid-data tal-5 ta' Mejju 2011.

prinċipali se tkun li jinħoloq bilanċ ġust bejn id-dritt għall-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta personali u l-ħtieġa tal-iskambju tat-tagħrif fil-qafas tal-infurzar u tal-kooperazzjoni investigattiva skont ir-Regolament sabiex jitwaqqaf il-ksur fir-rigward tal-leġiżlazzjoni tal-UE tal-konsumaturi. Il-fatt li l-konsumaturi nazzjonali u l-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-dejta tvarja b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri tkompli tikkomplika l-kwistjoni.

L-implementazzjoni tal-passi l-oħra rakkomandati mill-EDPS, bħall-iżvilupp ta' funzjonijiet ġodda tal-IT, se jiġu evalwati fit-tieni fażi ladarba l-prinċipji ta' mekkaniżmi ta' koordinazzjoni komuni jkun miftiehem bejn l-awtoritajiet tan-Netwerk u l-Kummissjoni.

2.4. Riżorsi allokati lin-Netwerk CPC

Bħal fl-2009, ir-rapporti nazzjonali biennali jipprovdu dejta limitata dwar ir-riżorsi allokati mill-awtoritajiet nazzjonali għall-applikazzjoni tar-Regolament. Fil-maġgħoranza tal-każijiet l-Istati Membri jirrapportaw li l-attivitajiet tas-CPC huma inkorporati fl-attivitajiet ġenerali u fil-bagħi tal-awtoritajiet; għalhekk, il-ġbir ta' dejta speċifika tas-CPC jidher li huwa imprattikabbli.

Bosta rapporti jenfasizzaw, filwaqt li ma jipprovdux ċifri konkreti dwar ir-riżorsi, li l-awtoritajiet ikunu interessati li jżidu l-involviment tagħhom fl-attivitajiet tas-CPC imma ta' sirkit huma kostretti fid-deċiżjonijiet tagħhom fir-rigward tar-riżorsi disponibbli għalihom. Dan jikkonċerna b'mod partikolari, iżda mhux biss, l-attivitajiet komuni tan-Netwerk kif ukoll l-iskambji ta' uffiċċiali, li huma t-tnejn proġetti kofinanzjati mill-bagħi tal-UE.

Fuq il-bażi tad-dejta disponibbli bħalissa lill-Kummissjoni, muwiex possibbli li jiġi evalwat b'mod adegwat jekk l-Istati Membri humiex kompletament konformi mal-obbligu tagħhom skont l-Artikolu 4 (7) tar-Regolament li jitlob li l-awtoritajiet jingħataw ir-riżorsi kif xieraq.

Ir-rapporti nazzjonali madankollu jagħtu xi evidenza li l-effiċċenza (u għalhekk l-effettività wkoll) tan-Netwerk jistgħu jkunu qed jintlaqtu minn limitazzjoni fir-riżorsi tal-awtoritajiet. F'xi każijiet, dan jikkonċerna l-Uffiċċċi Uniċi ta' Kooperazzjoni li, bħala koordinaturi fil-livell nazzjonali, għandhom rwol kruċjali x'jaqdu fl-applikazzjoni tar-Regolament, speċjalment f'pajjiżi fejn il-kompiti ta' infurzar skont ir-Regolament huma maqsuma bejn bosta awtoritajiet. Il-kwistjoni se tiġi analizzata faktar dettall fil-qafas tal-valutazzjoni globali attwali tan-Netwerk CPC.

2.5. Il-Kumitat CPC

Ir-Regolament jistabbilixxi Kumitat ta' rappreżentanti mill-Istati Membri, il-Kumitat CPC, biex jgħin lill-Kummissjoni fil-ħidmiet ta' implementazzjoni tagħha.

Matul il-perjodu ta' referenza l-Kumitat iltaqa' bejn tliet (3) u erba' (4) darbiet fis-sena. Fis-6 ta' Diċembru 2010 dan ħareġ opinjoni favorevoli dwar abbozz ta' emenda għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni¹³ li timplejha r-Regolament, li ġiet adottata mill-Kummissjoni fl-1 ta' Marzu 2011. L-emenda stabbiliet regoli ġodda għall-

¹³

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/76/KE; ĠU L 32, 6.2.2007, p 192.

implimentazzjoni tal-Artikolu 9 tar-Regolament u naqqset xi distakki billi ċċarat il-bażi għat-tħassir ta' tagħrif fis-sistema CPC.

Il-Kumitat għandu rwol ċentrali fin-Netwerk CPC. Jipprovdi b'mod partikolari, pjattaforma għad-diskussjoni dwar it-tendenzi fil-protezzjoni tal-konsumaturi; jikkontribwixxi fl-iżvilupp ta' approċċ komuni fl-infurzar fi ħdan in-Netwerk CPC permezz tal-approvazzjoni ta' standards u linji gwida komuni (eż. il-Manwal għall-investigazzjonijiet tal-internet, il-linji gwida operattivi tas-CPC) u jagħti orjentazzjonijiet operattivi għan-Netwerk CPC fil-forma ta' Pjanijiet ta' Azzjoni ta' Infurzar annwali. Il-Pjanijiet ta' Azzjoni ta' Infurzar jiffokaw fuq l-aktivitajiet komuni mwettqa min-Netwerk, bħall-verifikasi tal-internet annwali tiegħu, l-hekk imsejħa "kontrolli" (sweeps).

Is-suċċess tan-Netwerk CPC jiddependi ħafna mill-impetu u l-appoġġ meħtieġa li jagħti l-Kumitat biex jintlaħqu l-għanijiet tan-Netwerk.

Il-Kummissjoni qed tesplora wkoll jekk in-Netwerk tal-Politika tal-Konsumatur (CPN), li jlaqqa' lid-Diretturi Ġenerali tal-ministeri nazzjonali tal-konsumaturi, jistax ukoll ikollu rwol f'dan.

3. IN-NETWERK CPC: ĦAFNA TITJIB IŻDA GĦAD BAQA' ĦAFNA XI JSIR

3.1. Xejriet Statistiċi matul il-perjodu ta' referenza

Globalment, in-Netwerk ittratta ammont ta' każijiet li huwa komparabbli mal-perjodu ta' referenza preċedenti, jiġifieri madwar 540 talba, jew għal tagħrif jew biex jittieħdu miżuri ta' infurzar biex jitwaqqaf ksur osservat¹⁴. In-numru ta' allerti madankollu naqsu b'mod sinifikanti, jiġifieri n-numru ta' messaġġi unilaterali mibgħuta minn awtorità waħda lill-awtoritajiet l-oħra kkonċernati biex iwissu dwar ksur tal-liġijiet tal-konsumaturi li ġie osservat jew li jidher li għalih hemm raġunijiet validi għalfejn għandu jiġi ssuspettaw.

Rigward id-direttivi miksura, il-ksur tad-dispożizzjonijiet dwar prattiki skorretti u/jew qarrieqa oħrajn ta' riklamar, koperti mid-Direttiva 2005/29/KE dwar prattiki kummerċjali żleali¹⁵ huwa l-iktar tip komuni ta' ksur trattat min-Netwerk, segwit minn ksur tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku¹⁶.

Sa mill-bidu, il-parti l-kbira ta' każijiet trattati min-Netwerk dejjem kienet relata mal-prattiki li jużaw mezzi ta' reklamar onlajn: fl-2010, 45 % tat-talbiet għal tagħrif kienu jirreferu għal messaġġi mmirati lejn il-konsumaturi permezz tal-posta elettronika, messaġġi testwali fuq it-telefon ċellulari jew permezz tal-internet. Iċ-ċifra ekwivalenti għat-talbiet għall-infurzar qed tiżdied għal 77 %. Dan huwa parżjalment minħabba l-"*"kontrolli"* annwali mwettqa permezz tan-Netwerk CPC. F'dawn il-"*"kontrolli"* l-awtoritajiet iwettqu verifikasi simultanji ta' siti onlajn ta' settur magħżul għall-konformità mar-rekwiżiti legali. Is-segwitu tal-ksur traskonfinali osservat fil-qafas ta' dawn l-eżerċizzji miftiehma naturalment iwassal għal aktar skambji bejn l-awtoritajiet. Barra minn hekk it-teknoloġiji ġoddha (eż. l-internet) joffru opportunitajiet biex faċilment jintlaħaq għadd potenzjalment importanti ta'

¹⁴ Ta' min jiġbed l-attenzjoni f'dan il-kuntest, li n-Netwerk jittratta biss ksur ta' interassi kollettivi tal-konsumaturi f'sitwazzjonijiet transkonfinali u mhux ilmenti individuali (l-Artikolu 1 u 3 tar-Regolament CPC).

¹⁵ ĠU L 149, 11.6.2005, p.22

¹⁶ ĠU L 178, 17.7.2000, p. 1.

konsumaturi u huma, f'dan is-sens, aktar probabbli li jiproduċu "ksur CPC" tipiku tal-interessi kollettivi.

Mit-tieni nofs tal-2009, l-attivitàjet tat-trattament tal-każijiet tan-Netwerk naqsu b'mod relativ f'dak li għandu x'jaqsam mal-ġħadd ta' każijiet ġoddha maħluqa mill-awtoritajiet. (Jekk jogħġbok irreferi għall-Anness ta' dan ir-rapport għad-dejta tal-istatistika għal bejn l-2009 u l-2010). S'issa ix-xejra ma laqtx it-talbiet għall-infurzar li baqgħu pjuttost stabbli, b'120 każ ġdid irreġistrati fis-Sistema-CPC fi tmiem l-2010.

Il-kawżi preċiżi għal din ix-xejra għadhom ma ġewx identifikati u huwa probabbli li hemm diversi fatturi fix-xena. L-awtoritajiet ma rrappurtawx tnaqqis f'kemm kien hemm ksur transkonfinali tal-liġijiet tal-konsumaturi, iżda enfasizzaw fir-rapporti tagħhom il-ħtieġa li jaqblu aktar dwar il-prioritajiet tal-infurzar. Għandha tinġibed ukoll l-attenzjoni f'dan il-kuntest, għall-fatt li fil-"kontrolli" li twettqu dan l-aħħar ġew osservati inqas kwistjonijiet transkonfinali milli kienu osservati fil-bidu. Ta' min ifakkuk ukoll li l-awtoritajiet qed isiru aktar familjari mar-regoli ta' kooperazzjoni fir-Regolament CPC. Dan wassal għal inqas każijiet li madankollu qed ikunu mħejjija aħjar, kif ukoll għal użu aktar razzjonal tal-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni skont ir-Regolament. It-titjib fit-trattament tal-każijiet huwa rifless ukoll fit-tnejn fil-medja taż-żmien għat-trattament tat-talbiet għall-assistenza reċiproka li għat-talbiet għall-infurzar, pereżempju, niżlet minn 177 jum fl-2008 għal 92 jum fl-2010. Fl-aħħar nett, hemm ċerti aspetti tekniċi li għandhom jitqiesu: id-dejtabejż issa tippermetti t-trattament ta' każijiet b'iktar minn ksur wieħed, filwaqt li fl-ewwel sena kellhom jinħolqu diversi każijiet paralleli mill-awtoritajiet, jiġifieri każ għal kull ksur.

3.2. Valutazzjoni ġenerali

Il-perjodu ta' referenza ta' dan ir-rapport jista' fil-qosor jitqies bħala wieħed ta' stabilizzazzjoni u konsolidazzjoni tal-attivitàjet tan-Netwerk, minkejja l-limitazzjonijiet rappurtati mill-awtoritajiet minħabba l-ambjent ekonomiku u finanzjarju diffiċċli li kellhom joperaw fih. Din hija l-konklużjoni ġenerali li tirriżulta mir-rapporti Biennali tal-Istati Membri u mill-esperjenza tal-Kummissjoni stess fis-sorveljanza tan-Netwerk.

Il-maġġoranza tal-awtoritajiet tqis li n-Netwerk għebeb il-problemi tal-bidu li kkaratterizzaw l-ewwel sentejn tal-operat. It-tnejn fit-tul medju ta' żmien (jekk jogħġbok irreferi għat-Tabella 4 fl-Anness) tal-każijiet juri li l-uffiċjali kompetenti tal-awtoritajiet qed jiksbu aktar esperjenza fl-immaniġġjar tat-talbiet għall-assistenza reċiproka rreferuti lilhom permezz tan-Netwerk.

Barra minn hekk, in-Netwerk CPC żviluppa qalba soda ta' attivitajiet konġunti, flimkien mal-kooperazzjoni ta' infurzar bilaterali. L-għan ta' din il-ħidma konġunta huwa li tagħti dimensjoni ġidha mifruxa mal-UE kollha lill-infurzar u wkoll fl-aħħar mill-aħħar li ttejjeb il-protezzjoni tal-konsumaturi fis-suq intern. Fl-aħħar sentejn, dan ix-xogħol ta' infurzar komuni sar parti integrali mill-attivitàjet tan-Netwerk. L-investigazzjonijiet fuq l-internet li n-Netwerk iwettaq kull sena, jiġifieri l-"kontrolli", huma l-element ċentrali ta' din il-ħidma. Dawn jiproduċu riżultati konkreti għall-konsumaturi permezz tal-fażi ta' infurzar komuni li matulha l-awtoritajiet jkomplu jsegwu l-ksur osservat sabiex jiżguraw il-konformità. Fi tmiem l-2010, grupp ta' awtoritajiet kien involut fi proġett ġdid (ikkofinanzjat mill-Kummissjoni) li jesplora l-possibbiltajiet għal aktar titjib fil-kapaċitajiet ta' infurzar tan-Netwerk onlajn permezz ta' tekniki mtejba u skambju aktar sistematiku ta' għarfien u ta' kompetenza.

L-evoluzzjoni riċenti tan-Netwerk tista' tiġi spjegata parzjalment mill-fatt li f'dawn l-aħħar sentejn, l-awtoritajiet tgħallmu jikkooperaw permezz tan-Netwerk, jiġifieri saru (aktar) familjari mal-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni introdotti bir-Regolament CPC u permezz tal-għodda tal-IT żviluppata mill-Kummissjoni għall-iskambji tat-tagħrif tan-Netwerk.

Ix-xejra madankollu turi wkoll, kif enfasizzat f'ħafna mir-rapporti Biennali nazzjonali, li l-miżuri li ttieħdu biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-2009 fl-ewwel Rapport Biennali kellhom riżultati pożittivi.

Il-ħtiġijiet tat-taħriġ qed jintlaħqu b'mod aktar effettiv billi qed jiġi stabbilit pjan ta' taħriġ kull sena flimkien mal-awtoritajiet. Fl-2009, ġie stabbilita netwerk ta' trejniers nazzjonali biex jespandu l-ħiliet ta' taħriġ tal-Kummissjoni. L-Uffiċċju Ċentrali għall-Għajjnuna (central Help Desk) ġie organizzat mill-ġdid matul il-perjodu ta' referenza biex jirrispondi aktar malajr għall-mistoqsijiet tal-utenti.

L-ippjanar ta' attivitajiet komuni (u għalhekk tar-riżorsi) bl-adozzjoni ta' Pjanijiet ta' Azzjoni ta' Infurzar annwali, jipprovd proċess ta' programmar sod, strutturat u trasparenti. Dawn il-pjanijiet jikkontribwixxi għall-identifikazzjoni tal-oqsma ta' interessa komuni u jinkludu l-attivitajiet komuni kollha mwettqa min-Netwerk flimkien mal-qalba soda tal-attivitajiet ta' kooperazzjoni (ġeneralment bilaterali).

Il-produzzjoni ta' dokumenti ta' gwida għenek biex tiżviluppa fehim aktar komuni dwar kif wieħed għandu jikkoopera fi ħdan in-Netwerk CPC. Dawn id-dokumenti jinkludu b'mod partikolari "linji gwida operattivi CPC" imħejja mill-Kummissjoni li jipprovd gwida prattika dwar l-applikazzjoni tal-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni CPC ibbażati fuq il-prattika komuni li ħarġet mit-taħdit mal-awtoritajiet f'workshop dwar l-operat tan-Netwerk f'Diċembru 2009.

Il-workshops li ilhom jiġu organizzati regolarmen mill-2009 joffru opportunità ulterjuri għall-awtoritajiet biex jiskambjaw fehmiet, l-aħjar prattika u b'hekk jaħdmu lejn fehim u/jew approċċ lejn l-infurzar komuni. Is-suġġetti diskussi f'dawn ill-laqgħat ta' ħidma jiġu miftiehma flimkien mal-awtoritajiet fil-qafas tad-diskussionijiet tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Infurzar annwali. Dawn ivarjaw minn diskussionijiet pjuttost legali rigward l-infurzar tal-acquis tal-konsumaturi, jew parti minnu, elenkat fl-Anness tar-Regolament għal diskussionijiet aktar operattivi dwar kif titħejja talba għal miżuri ta' infurzar.

Filwaqt li n-Netwerk CPC bla dubju kkonsolida l-attivitajiet tiegħu fl-aħħar sentejn, hemm ukoll evidenza ċara li n-netwerk għad irid jilħaq il-quċċata tal-potenzjal tiegħu. Għad hemm xi fit Stati Membri li qatt ma ressqa talba għall-assistenza reċiproka (jew biss twissija) kif ukoll numru mhux negliġibbli li ttratta inqas minn ħames (5) talbiet bit-tipi kollha inklużi. Kif inhuma l-affarrijiet, massimu ta' dissa'(9) Stati Membri jistgħu jiġu kkunsidrati bħala utenti attivi tas-sistema mill-bidu.

3.3. In-Netwerk CPC: sforzi ulterjuri meħtieġa

Matul l-ewwel snin ta' operat, l-awtoritajiet iddedikaw l-isforzi tagħħom primarjament biex jiżguraw li l-aċċess għall-għodda tal-IT kien operattiv u biex isiru familjari mal-mekkaniżmi ġodda ta' koperazzjoni. Il-pass li jmiss issa jkun li wieħed jieħu vantaġġ sħiħ mill-opportunitajiet offruti min-Netwerk biex dan ikun effiċċenti kemm kien maħsub.

Aktar xogħol huwa partikolarmen meħtieġ fl-oqsma deskritti hawn taħt.

L-ġħadd ta' awtoritajiet li ma jużawx b'mod attiv il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni stabbiliti mir-Regolament CPC jibqa' sinifikanti. Dan jaapplika b'mod partikolari ġħall-infurzar tal-leġiżlazzjoni settorjali elenkata fl-Anness tar-Regolament CPC iżda mhux eskużivament. Kif enfasizzat fl-ewwel Rapport Biennali, l-eżistenza ta' netwerks paralleli fdawn l-oqsma¹⁷ setgħet kellha impatt fuq l-effettività tan-Netwerk CPC, iżda dan għad irid jiġi kkonfermat. Barra minn hekk ħafna awtoritajiet tal-konsumaturi fl-Istati Membri rari jużaw in-Netwerk CPC. Hija għalhekk meħtieġa analiżi ulterjuri.

Ma hemm l-ebda fehim uniformi dwar kif tintuża l-għodda ta' kooperazzjoni stabbilita mir-Regolament minkejja l-iżvilupp ta' regoli u ta' dokumenti ta' gwida maqbula b'mod komuni. Għarfien parpjali tar-regoli flimkien ma' ċertu nuqqas ta' dixxiplina fl-applikazzjoni tagħhom huma fatturi f'dan il-kuntest (eż. fiti mill-awtoritajiet jipprovdu rispons regolari dwar il-progress li jkun sar fl-attivitàajiet investigattivi u ta' infurzar tagħhom kif stabbilit) iżda hemm ukoll diverġenzi aktar fundamentali li jxekklu l-użu aktar effiċċenti tal-mekkaniżmi CPC. Partikolarmen għal allerti, fejn ma jeżisti l-ebda approċċ komuni fost l-awtoritajiet dwar kif u meta għandhom jintużaw, kif ukoll għat-talbiet għal miżuri ta' infurzar, li għalihom l-awtoritajiet għandhom standards differenti (ħafna) ta' analiżi legali u ta' evidenza.

Ma jeżisti l-ebda approċċ komuni għall-prioritajiet ta' infurzar tan-Netwerk. Il-Pjanijiet ta' Azzjoni ta' Infurzar annwali jidendifikaw oqsma ta' interess komuni iżda ma jkoprux l-attivitàajiet kollha tan-Netwerk. L-isfida ewlenja se tkun li wieħed ikompli jaħdem biex jintlaħaq fehim komuni tal-kwistjonijiet rilevanti tal-konsumatur u, possibbilment, ta' qbil ta' standards komuni li jiżguraw li n-Netwerk CPC jintuża b'mod kumparabbi mill-awtoritajiet kollha mingħajr ma jiġi nnegat l-obbligu li wieħed jirrispondi għat-talbiet għall-assistenza.

In-Netwerk ma rnexxilux jiżviluppa "identità korporattiva" u għadu netwerk pjuttost virtwali marbut b'għodda tal-IT komuni. Il-kuntatti bejn l-awtoritajiet li jittrattaw il-każijiet jekk mhux relatati mat-trattament ta' każ partikolari jibqgħu l-eċċeżżjoni u forsi jistgħu jispiegaw għalfejn in-Netwerk qatt ma uż-a l-forum fis-Sistema CPC. L-ostakli tal-lingwa x'aktarx li għandhom rwol f'dan il-kuntest iżda mħumiex bizzżejjed biex jispiegaw l-assenza ta' skambji bejn l-awtoritajiet.

Xi kwistjonijiet orizzontali, ħafna minnhom diġà identifikati fir-rapport Biennali tal-2009, ikomplu wkoll jaffettaw in-Netwerk CPC:

- Id-differenzi fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-konsumaturi fl-UE jikkontribwixxu biex itawlu l-proċedimenti u jżidu l-kumplessitajiet fil-koperazzjoni billi l-awtoritajiet iridu l-ewwel jivverifikaw jekk il-kooperazzjoni tistax tkun prevista u sa liema punt.
- Il-kwistjoni tal-liġi applikabbi tkompli taqsam in-Netwerk; attwalment inqalgħu mistoqsijiet ġodda fil-qafas tal-workshops dedikati għal dan is-suġġett f'dak li għandu x'jaqsam mal-liġi applikabbi u r-regoli proċedurali nazzjonali.

¹⁷

Dan jaapplika għar-Regolament 261/2004 dwar id-Drittijiet tal-Passiġġieri tal-Ajru, l-Artikoli 86 sa 100 tad-Direttiva 2001/83/KE dwar prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u, skont ir-rimarki meħuda fir-rapporti biennali nazzjonali għall-artikoli mid-Direttiva tas-Servizzi tal-Midja Awđoviżvi.

- Ftit huwa komunikat dwar il-każijiet ta' succcess tan-Netwerk, anki fi ħdan in-Netwerk stess u dan jista' jkun li qed jiġġenera l-perċeazzjoni li n-netwerk mhuwiex jilħaq l-aspettattivi. Fl-istess ħin l-awtoritajiet mhumiex disposti li jaqsmu dan it-tip ta' tagħrif: xi żewġ rapporti biennali nazzjonali biss jinkludu eżempji ta' każijiet ta' succcess, minkejja li din kienet parti mill-istruttura komuni maqbula.
- Kien hemm opinjonijiet differenti rigward ir-rwol li l-Kummissjoni għandu jkollha fil-qafas tal-kooperazzjoni dwar l-infurzar.

4. OQSMA OĦRA TA' KOOPERAZZJONI: ATTIVITAJIET KOMUNI U L-ISKAMBJU TA' UFFIĊJALI

4.1. Attivitajiet komuni u l-iskambju ta' uffiċjali

Matul il-perjodu ta' referenza, il-Kummissjoni kompliet tipprovdi finanzjament għaż-żewġ attivitajiet komuni kif ukoll skema tal-iskambji tal-uffiċjali. L-għan princiċiali ta' dawn l-attivitajiet huwa li jipprovd lill-awtoritajiet tas-CPC b'qafas għal skambju tal-aħjar prattika u b'ħidma komuni li tgħin biex tevita d-duplikazzjoni tal-isforzi u, aktar importanti minn hekk, tiffaċilita kif dawn isiru jafu lil xulxin u jitgħallmu minn xulxin.

Bħal fir-rapporti tal-2009, ir-rispons fir-rapporti biennali nazzjonali rigward dawn l-attivitajiet huwa pożittiv: l-awtoritajiet jagħmlu użu modest iżda konsistenti tal-fondi disponibbli għalihom kull sena.

Minkejja l-isforzi li jsiru biex l-attivitajiet ikunu aktar attraenti għall-awtoritajiet, dawn tal-aħħar jenfasizzaw fir-rapporti tagħhom diffikultajiet komparabbli għal dawk identifikati fl-2009:

Il-limitazzjonijiet tar-riżorsi jipprevjenu bosta awtoritajiet milli jipparteċipaw fl-iskambji tal-uffiċjali jew fi proġetti konġunti

Ir-regoli kumplessi li jirregolaw il-proċedura tal-applikazzjoni u l-ġestjoni sussegwenti tal-fondi jiddiswadu lill-awtoritajiet kompetenti milli jinvolvu ruħhom f'dan it-tip ta' attivitajiet. L-ostakli lingwistiċi huma fattur ieħor li jispjega l-għadd relattivament baxx ta'skambji ta' uffiċjali

L-iskema għall-uffiċjali ma għandhiex il-flessibilità meħtieġa biex tirrispondi malajr għal htigħej fuq żmien qasir li jinqalgħu waqt l-investigazzjonijiet

4.2. Kooperazzjoni internazzjonali

Il-Kunsill ta' l-awtorizzazzjoni lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati mal-Istati Uniti sabiex tinnegozja ftehim ta' kooperazzjoni dwar l-infurzar ta' leġiżlazzjoni tal-konsumaturi f'Mejju 2009. Matul il-perjodu kopert mir-rapport saru għadd ta' laqgħat mal-Kummissjoni Federali tal-Kummerċ, il-kontroparti kompetenti tal-Istati Uniti, iżda l-progress baqa' diffiċli minħabba approċċi differenti lejn il-protezzjoni tad-dejta.

5. KONKLUŻJONIJIET U PROSPETTIVI GĦALL-ĠEJJINI

5.1. Konklużjonijiet

In-Netwerk CPC daħal ffaži ta' konsolidazzjoni u stabbilizzazzjoni tal-attivitajiet tiegħu. Il-kisbiet ewlenin matul il-perjodu kopert mir-rapport preżenti huma kif ġej:

- Il-problemi tal-bidu tal-ewwel ftit snin (eż. diffikultajiet ta' konnessjoni jew kwistjonijiet tekniċi oħra relatati mal-użu tad-dejtabejż) ġew indirizzati.
- L-awtoritajiet tgħallmu jużaw l-għodda ta' kooperazzjoni stabbilita mir-Regolament CPC b'mod aktar effettiv billi saru aktar familjari mal-għodda tal-IT u mal-proċeduri l-ġodda.
- Il-"**kontrolli**", ikkoordinati u ssorveljati mill-Kummissjoni, saru parti mill-attivitajiet regolari tan-Netwerk u żguraw xi ftit viżibbiltà f'dak li għandu x'jaqsam man-netwerk permezz tal-attivitajiet tal-istampa relatati.
- In-Netwerk jiddiskuti u jippjana l-attivitajiet miftiehma tiegħu fil-pjanijiet tal-attivitajiet annwali ta' infurzar.
- Il-korsijiet ta' taħriġ huma organizzati b'mod aktar effiċjenti fuq il-bażi ta' pjanijiet ta' taħriġ annwali u permezz tan-netwerk ta' trejners nazzjonali.
- Qed ifiġġ bil-mod il-mod approċċ komuni biex wieħed jaħdem flimkien permezz ta' diskussionijiet fil-workshops kif ukoll permezz tal-esperjenza prattika miksuba matul l-ewwel erba' snin tal-operat.
- Il-linji gwida operattivi, elaborati mill-Kummissjoni fuq il-bażi tal-konklużjonijiet tal-workshops f'Diċembru 2009, jipprovdū gwida prattika għal uffiċjali kompetenti dwar kif in-netwerk jaħdem u kif għandhom jitħejjew it-talbiet għall-assistenza reċiproka skont ir-Regolament CPC.

Il-valutazzjoni tal-aħħar sentejn ta' operazzjonijiet madankollu turi wkoll li n-nuqqasijiet jippersistu u li n-Netwerk għad irid jilħaq il-potenzjal sħiħ tiegħu. Bosta awtoritajiet rari jew qatt ma jużaw il-mekkaniżmi tal-kooperazzjoni CPC u xi wħud mill-aktar atturi attivi tal-ewwel snin naqqsu l-involviment tagħhom, li parżjalment jispjega għaliex l-attivitajiet tan-Netwerk qed jimxu b'ħeffa relativament imnaqqa f'dak li għandu x'jaqsam ma' każijiet ġodda mill-2010 'l hawn.

Il-komplessitajiet ta' infurzar transkonfinali li jirriżultaw minn leġiżlazzjoni nazzjonali diverġenti tal-konsumaturi u d-differenzi bejn ir-regoli proċedurali applikabbi fl-Istati Membri saru aktar evidenti meta mqabbla mal-ewwel snin tan-Netwerk, meta l-awtoritajiet kienu jiffukaw primarjament fuq it-tagħlim dwar kif tintuża s-sistema. Il-proċeduri twal, l-istratgeġji differenti għall-infurzar kif ukoll il-livelli ta' esperjenza komplew eżaminaw kemm l-awtoritajiet huma lesti biex jaħdmu permezz tan-Netwerk CPC.

F'xi każijiet, id-diffikultajiet li ltaqgħu magħħom l-awtoritajiet jistgħu jkunu l-ewwel indikazzjoni li l-qafas leġiżlattiv stabbilit mir-Regolament CPC jeħtieġ li jiġi adattat sabiex itnejeb l-infurzar transkonfinali. Dan jista' jissuġġerixxi wkoll li l-proċeduri nazzjonali jeħtieġ li jkomplu jiġu reveduti fid-dawl tal-qafas ta' koperazzjoni tas-

CPC biex jiżguraw li l-awtoritajiet huma kapaċi jilħqu l-għanijiet tar-Regolament bis-sħiħ.

L-emenda teknika tal-anness tar-Regolament CPC, adottata fl-2011, ġabet iktar ċarezza legali fir-rigward tal-lista tad-dispożizzjonijiet li għalihom japplikaw il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni. Sal-lum iżda ma hemmx bieżżejjed evidenza biex wieħed jinbeda proċess leġiżlattiv li jirrevedi r-Regolament b'mod aktar sostanzjali. L-evalwazzjoni tal-Kummissjoni tas-snин koperti mir-rapport preżenti turi, għall-kuntrarju, li ħafna mid-diffikultajiet iffaċċejati min-Network jistgħu jiġu indirizzati fil-qafas legali eżistenti.

Jeħtieġ, għalhekk, li jingħabru aktar esperjenza u tagħrif biex jifformaw idea aħjar dwar jekk ir-Regolament għandux jiġu rivedut u jekk iva, kif. B'mod partikolari l-kwistjoni dwar il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament jeħtieġ li tiġi evalwata fil-fond, inkluża l-kwistjoni li possibbilm jiddaħħlu li ġiġiet sostantivi oħra fl-Anness. Barra minn hekk, l-iżgħar li jkunu allokati riżorsi adegwati lill-awtoritajiet se tibqa' sfida ewlenija fil-ġejjeni kif ukoll fattur kritiku għas-suċċess tan-Netwerk.

5.2. Prospektivi għall-ġejjeni

F'dan l-isfond, l-ewwel priorità tal-Kummissjoni se tkun li taħdem mill-qrib flimkien mal-Istati Membri biex tindirizza n-nuqqasijiet identifikati fi ħdan il-qafas leġiżlattiv eżistenti.

Il-Kummissjoni identifikat l-oqsma li ġejjin li fuqhom għandhom jiġu kkonċentrati l-isforzi fit-terminu l-qasir u l-medju:

- Is-segwitu tal-isforzi għall-konsolidazzjoni tan-Netwerk permezz tat-titħib tal-funzjonalitajiet tal-għodda tal-IT tan-Netwerk, l-iżgħar ta' taħriġ għal uffiċjali kompetenti permezz tan-netwerk tat-trejners u l-iżgħar li r-regoli ta' implimentazzjoni jiffaċilitaw it-trattament konsistenti u aktar veloċi tat-talbiet għall-assistenza reċiproka.
- Iż-żamma tal-finanzjament ta' attivitajiet komuni għall-inkoraġġiment addizzjonali tal-iskambju tal-aħjar prattika u l-esperjenza, iżda wkoll l-evalwazzjoni mill-ġdid tal-iskema ta' skambju tal-uffiċjali attwali fid-dawl tal-esperjenza miksuba u l-kummenti mill-awtoritajiet nazzjonali.
- Il-prosegwiment tal-ħidma mal-awtoritajiet għall-iżvilupp ta' approċċ komuni lejn l-infurzar permezz ta' diskussionijiet f'workshops, l-attivitajiet komuni u l-"kontrolli." In-Netwerk jista' jibbenefika wkoll mill-esplorazzjoni ta' metodi ġodda biex jitwettqu l-attivitajiet miftiehma ta' sorveljanza tas-suq u ta' infurzar kif stabbilit fl-Artikolu 9 tar-Regolament. Dan kien jidher fil- "kontrolli" tal-2009 u l-2010, fejn grupp ta' awtoritajiet rabtu l- "kontroll" flimkien ma' attivitajiet oħra ta' infurzar biex l-impatt jilħaq l-ogħla livell tiegħu. Diskussioni dwar kif wieħed jista' jagħmel l-aħjar użu mill-allerti fin-Netwerk hija meħtieġa wkoll.
- It-titħib ulterjuri tal-ippjanar tal-attivitajiet tan-Netwerk. Il-Pjanijiet ta' Azzjoni ta' Infurzar annwali jikkostitwixxu l-ewwel pass 'il quddiem lejn l-identifikazzjoni ta' oqsma ta' interessa komuni għall-awtoritajiet tan-Netwerk iżda dan ix-xogħol irid jimxi 'l quddiem. Dan sar saħansitra iktar importanti billi l-awtoritajiet qeqħid joperaw fi klima kkaratterizzat minn restrizzjoni.

ta' riżorsi u jesperjenzaw diffikultajiet fir-rikonċiljazzjoni tal-prioritajiet nazzjonali ma' dawk tas-CPC. L-awtoritajiet kellhom l-ewwel diskussjoni dwar il-kwistjoni fil-qafas ta' workshop dwar il-prioritizzazzjoni tal=attivitajiet fi tmiem l-2011.

- Bl-istess mod, in-Netwerk hemm bżonn li jiżviluppa modi aktar effettivi biex jidentifika l-prioritajiet ta' infurzar flivell Ewropew, li jgħaqquad l-ewwel tagħrif li jasal mingħand il-konsumaturi li huwa disponibbli flivell nazzjonali flimkien mad-dejta li ġejja minn għodod bħat-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Swieq tal-Konsumaturi, id-dejtabejż dwar l-ilmenti l-għodda jew id-dejtabejż tan-Netwerk ECC. Rigward il-"kontrolli" (sweeps) tal-UE, grupp ta' awtoritajiet bħalissa qed jesplora kif jista' jiġi identifikat aħjar it-theddid emerġenti fuq l-internet filwaqt li sussegwentement jiżgura li tiġi identifikata azzjoni ta' segwitu adegwata min-Netwerk.
- L-iżvilupp ta' sforzi biex jgħollu l-profil pubbliku tan-Netwerk CPC. L-attivitajiet tal-istampa relatati mal-"konrolli" jagħtu ċerta viżibbiltà lill-kisbiet tan-Netwerk, iżda ffit wisq huwa magħruf dwar ir-riżultat tal-kooperazzjoni fl-infurzar (ġeneralment) bilaterali. Ir-rapporti biennali nazzjonali jindikaw li x-xogħol fis-CPC qed jiproduċi riżultati tangħibbli għall-konsumaturi iżda t-tagħrif ipprovdut għadu limitat. Mill-ġdid, grupp ta' awtoritajiet bħalissa qed jaħdem fuq il-ħolqien ta' strateġija ta' komunikazzjoni interna u esterna li tiġi implimentata fil-forma ta' pjanijiet ta' komunikazzjoni approvati mill-Kumitat tas-CPC. Il-grupp digħi pproduċa l-ewwel riżultati tangħibbli fil-forma ta' newsletter li qed tintbagħat lill-awtoritajiet darbtejn fis-sena.

F'perspettiva aktar fit-tul, il-Kummissjoni qed tkompli tivvaluta l-qafas ta' kooperazzjoni u l-proċeduri stabbiliti mir-Regolament CPC bil-ħsieb li tevalwa jekk xi wħud mid-diffikultajiet li ltaqa' magħhom in-Netwerk jistgħux jeħtieġ rispons leġiżlattiv.

Is-sejbiet tar-rapport preżenti jikkostitwixxu l-ewwel pass f'dan il-proċess u kienu l-bażi għat-tħejjija tat-termini ta' referenza ta' evalwazzjoni esterna li l-Kummissjoni se tniedi dalwaqt, u li se tagħti r-riżultati fl-2012. Kwistjoni li jeħtieġ li tiġi eżaminata f'dan il-kuntest hija l-impatt li l-kamp ta' applikazzjoni pjuttost wiesa' tal-anness tar-Regolament CPC qed ikollu fuq l-effikaċja u l-effiċjenza tan-Netwerk, speċjalment f'oqsma fejn jeżistu oqfsa kooperativi oħra. Jeħtieġ ukoll li r-rwol tal-Kummissjoni fl-attivitajiet tan-Netwerk jiġi studjat.

ANNESS

1. Għadd totali ta' talbiet għall-assistenza reċiproka

<i>Sena</i>	<i>Allerti (Art. 7)</i>	<i>Talbiet għat-Tagħrif (Art. 6)</i>	<i>Talbiet għall-Infurzar (Art. 8)</i>	<i>TOTAL</i>
2007	71	161	95	327
2008	100	122	170	392
2009	44	150	170	364
2010	37	89	134	260
TOTALI	252	522	569	

2. Talbiet għall-assistenza reċiproka għal kull direttiva miksura (2007 – 2010)

	<i>Art. 6 Tagħrif</i>				<i>Art. 7 allerti</i>				<i>Art. 8 Infurzar</i>				<i>TOTĀL</i>
	<i>2007</i>	<i>2008</i>	<i>2009</i>	<i>2010</i>	<i>2007</i>	<i>2008</i>	<i>2009</i>	<i>2010</i>	<i>2007</i>	<i>2008</i>	<i>2009</i>	<i>2010</i>	
Direttiva 2005/29/KE dwar prattiki kummerċjali żleali	1	86	125	68	0	40	30	29	4	73	112	86	654
Direttiva 84/450/KEE dwar reklamar qarrieqi	48	0	0	0	34	0	0	0	35	0	0	0	117
Direttiva 2000/31/KE dwar il-kummerċ elettroniku	3	9	13	16	7	20	14	8	15	48	54	40	247
Direttiva 93/13/KE dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur	21	10	30	6	15	7	6	1	10	14	14	37	171

Direttiva 97/7/KE dwar kuntratti li jsiru mill-bogħod	11	4	18	22	4	11	2	4	9	22	35	19	161
Direttiva 97/55/KE li temenda d-Direttiva 84/450/KEE dwar reklamar qarrieqi sabiex tinkludi reklamar komparativ	40	0	0	0	4	0	0	0	3	0	0	0	47
Direttiva 94/47/KE dwar it-timesharing	27	0	0	0	1	1	0	0	0	0	0	1	30
Direttiva 85/577/KE dwar kuntratti nnegozjati barra mil-lok tan-negożju	1	10	2	3	0	6	0	1	1	0	7	5	36
Direttiva 2001/83/KE dwar prodotti mediciinati għall-użu mill-bniedem	2	0	3	0	3	2	0	0	6	2	4	7	29
Direttiva 1999/44/KE dwar il-bejgħ ta' oġġett i tal-konsum u garanziji assoċjati magħhom	2	1	2	1	1	3	4	2	3	4	8	8	39
Regolament (KE) Nru 261/2004 dwar imbarkazzjoni mīchuda u kanċellazzjoni jew dewmien twil fit-titjiriet	1	1	0	0	1	2	0	0	3	4	7	1	20
Direttiva 98/6/KE dwar l-indikazzjoni tal-prezzijiet	0	0	1	2	0	1	0	0	2	3	5	1	15
Direttiva 90/314/KE dwar il-vjaġġi kollox kompriż (package travel), il-vaganzi kollox kompriż u t-tours kollox kompriż	2	1	1	1	0	2	1	2	1	0	0	5	16
Direttiva 2002/65/KE dwar it-tqegħid fis-suq b'distanza ta' servizzi finanzjarji ta' konsumaturi	0	0	1	0	1	3	0	0	1	0	2	1	9
Direttiva 87/102 dwar il-kreditu lill-konsumatur	1	0	1	1	0	1	1	0	0	0	0	0	5
Direttiva 89/552 dwar it-twettiq ta' attivitjet ta' xandir bit-televiżjoni	0	0	0	0	1	1	0	0	0	0	0	0	2

3. Talbiet għall-assistenza reċiproka għal kull settur (2007 – 2010)

	2007			2008			2009			2010			Total
	<i>Art 6</i>	<i>Art 8</i>	<i>Art 7</i>	<i>Art 6</i>	<i>Art 8</i>	<i>Art 7</i>	<i>Art 6</i>	<i>Art 8</i>	<i>Art 7</i>	<i>Art 6</i>	<i>Art 8</i>	<i>Art 7</i>	
Ilbies u żraben	1	0	0	0	5	0	1	3	1	2	0	1	14
Komunikazzjoni	0	2	1	4	25	15	9	24	4	3	8	2	97
Edukazzjoni	1	0	0	0	2	0	0	0	0	0	0	0	3
Ikkel u xorb mhux alkoħoliku	1	1	1	2	0	0	4	2	0	2	3	3	19
Għamara, tagħmir tad-dar u manutenzjoni ta' rutina tad-dar	0	1	0	1	1	1	9	6	1	5	4	1	30
Sahħha	6	11	6	5	14	6	6	11	1	9	10	2	87
Akkomodazzjoni, ilma, elettriku, gass u fjuwils oħrajn	0	0	0	1	0	0	4	0	0	2	0	0	7
Servizzi u oġġetti mixxellanji	30	10	9	8	24	12	24	27	18	17	27	6	212
Mhux klassifikabbli	10	9	4	59	39	35	37	23	5	11	9	6	247
Rikreazzjoni u kultura	35	13	4	15	13	17	23	33	7	26	39	9	234
Ristoranti u lukandi	5	2	1	19	0	8	6	5	0	7	4	3	60
Trasport	72	46	45	8	47	6	26	36	7	5	30	4	332
TOTAL	161	95	71	122	170	100	149	170	44	89	134	37	

4. Għadd ta' jiem (medja) biex talba għall-assistenza reċiproka tkun magħluqa fis-CPCS

	2008	2009	2010
Talbiet għal tagħrif (art. 6)	148	208	125
Talbiet għall-Infurzar (art. 8)	177	283	128

5. Talbiet għall-assistenza reċiproka għal kull metodu ta' bejgħ (2007 – 2010)

	2007			2008			2009			2010			Total
	<i>Art 6</i>	<i>Art 8</i>	<i>Art 7</i>	<i>Art 6</i>	<i>Art 8</i>	<i>Art 7</i>	<i>Art 6</i>	<i>Art 8</i>	<i>Art 7</i>	<i>Art 6</i>	<i>Art 8</i>	<i>Art 7</i>	
Bejgħ lil hinn mill-postijiet tan-negożju	0	5	0	11	3	8	6	3	0	3	3	3	45
Katalgu	6	4	0	0	2	1	1	3	0	1	0	1	19
Bejgħ bieb bieb	0	0	0	4	1	2	0	2	0	0	0	1	10
posta elettronika	1	3	2	0	0	0	7	2	0	0	1	3	19
Wiċċe imb'wiċċe	44	2	0	27	3	12	5	6	3	17	8	4	131
Faks	0	1	0	0	0	0	4	1	1	58	0	1	66
Internet	91	63	54	32	136	72	89	137	34	9	110	25	852
Posta	14	5	6	36	13	3	38	10	4	2	10	5	146
Gazzetta	0	2	2	0	0	1	2	2	1	7	0	7	24
Mħux magħruf	0	1	1	5	3	2	1	1	2	2	0	1	19

Nru tat-telefon	6	11	7	15	8	2	9	10	3	4	5	1	81
Ħanut	0	4	2	1	6	0	0	0	0	0	0	0	13
Messaġġi testwali	0	1	1	0	2	1	4	7	0	17	0	2	35

6. Talbiet għall-assistenza reċiproka maħruġa/irċevuti (Art. 6-7-8) minn kull Stat Membru bejn l-2007 u l-2010

	2007		2008		2009		2010	
	maħruġa	irċevuti	maħruġa	irċevuti	maħruġa	irċevuti	maħruġa	irċevuti
l-Awstrija	2	67	3	72	7	44	7	29
il-Belġju	128	67	119	85	84	51	29	28
il-Bulgarija	12	57	2	63	1	34	4	21
Ċipru	0	60	0	64	0	34	1	26
ir-Repubblika Ċeka	2	59	0	66	4	36	4	27
il-Ġermanja	5	72	12	101	16	64	13	59
id-Danimarka	12	64	14	66	10	37	10	23
l-Estonja	8	57	12	71	6	40	1	21
Spanja	0	72	8	98	23	65	28	50
il-Finlandja	5	58	31	75	2	33	2	23
Franza	40	65	16	88	56	81	60	38
il-Greċċa	0	58	0	68	0	31	1	23
l-Ungjerija	70	63	30	61	23	32	22	28
l-Irlanda	0	72	0	84	2	48	0	36
l-Italja	2	59	2	62	4	42	2	33
il-Litwanja	0	57	0	67	4	33	4	22
il-Lussemburgu	0	62	0	70	1	39	2	27
il-Latvja	4	63	11	66	6	36	6	24
Malta	0	55	0	55	3	34	8	23
il-Pajjiżi l-Baxxi	3	102	13	120	28	82	9	61
il-Polonja	1	61	9	65	3	35	5	28
il-Portugall	0	60	1	68	3	39	0	29
ir-Rumanija	0	53	0	53	1	35	0	25
l-Isvezja	7	65	33	79	12	44	6	30
is-Slovenja	0	59	0	67	0	31	1	21
is-Slovakkja	2	65	3	72	11	36	6	28
ir-Renju Unit	14	90	65	84	45	84	27	54

TOTAL	317		384		355		258	
--------------	------------	--	------------	--	------------	--	------------	--

7. Talbiet għall-assistenza reċiproka rċevuti minn kull Stat Membru fl-2007

	<i>Talbiet għat-Tagħrif</i>		<i>Allerti</i>		<i>Talbiet għall-Infurzar</i>		<i>TOTAL</i>	
	<i>Art. 6</i>		<i>Art. 7</i>		<i>Art. 8</i>			
	<i>maħruġa</i>	<i>irċevuti</i>	<i>maħruġa</i>	<i>irċevuti</i>	<i>maħruġa</i>	<i>irċevuti</i>	<i>maħruġa</i>	<i>irċevuti</i>
l-Awstrijja	1	4	0	56	1	7	2	67
il-Belġju	42	7	51	54	35	0	128	67
il-Bulgarija	4	2	0	55	8	0	12	57
Ċipru	0	3	0	56	0	1	0	60
ir-Repubblika Ċeka	1	4	0	55	1	0	2	59
il-Ġermanja	1	10	2	55	2	7	5	72
id-Danimarka	12	7	0	55	0	2	12	64
l-Estonja	1	2	1	53	6	2	8	57
Spanja	0	10	0	52	0	10	0	72
il-Finlandja	5	3	0	54	0	1	5	58
Franza	19	6	7	56	14	3	40	65
il-Greċja	0	2	0	55	0	1	0	58
l-Ungjerija	68	4	2	55	0	4	70	63
l-Irlanda	0	7	0	56	0	9	0	72
l-Italja	0	3	2	54	0	2	2	59
il-Litwanja	0	2	0	54	0	1	0	57
il-Lussemburgu	0	4	0	56	0	2	0	62
il-Latvja	0	5	1	54	3	4	4	63
Malta	0	1	0	54	0	0	0	55
il-Pajjiżi l-Baxxi	3	27	0	60	0	15	3	102
il-Polonja	0	3	0	55	1	3	1	61
il-Portugall	0	5	0	55	0	0	0	60
ir-Rumanija	0	3	0	49	0	1	0	53
l-Isvezja	3	6	0	54	4	5	7	65

is-Slovenja	0	2	0	54	0	1	0	59
is-Slovakkja	0	8	0	55	2	2	2	65
ir-Renju Unit	0	18	5	63	9	9	14	90
TOTAL	160	158	71		86	92	317	

8. Talbiet għall-assistenza reċiproka maħruġa minn kull Stat Membru fl-2008

	<i>Talbiet għat-Tagħrif</i>		<i>Allerti</i>		<i>Talbiet għall-Infurzar</i>		<i>TOTAL</i>	
	<i>Art. 6</i>	<i>Art. 7</i>	<i>Art. 6</i>	<i>Art. 7</i>	<i>Art. 8</i>	<i>Art. 8</i>	<i>Art. 6</i>	<i>Art. 7</i>
	<i>maħruġa</i>	<i>irċevuti</i>	<i>maħruġa</i>	<i>irċevuti</i>	<i>maħruġa</i>	<i>irċevuti</i>	<i>maħruġa</i>	<i>irċevuti</i>
l-Awstrija	1	3	1	66	1	3	3	72
il-Belġju	28	9	43	70	48	6	119	85
il-Bulgarija	0	0	0	63	2	0	2	63
Ċipru	0	0	0	64	0	0	0	64
ir-Repubblika Ċeka	0	2	0	63	0	1	0	66
il-Ġermanja	3	13	2	68	7	20	12	101
id-Danimarka	0	1	1	64	13	1	14	66
l-Estonja	10	0	0	64	2	7	12	71
Spanja	0	29	0	59	8	10	8	98
il-Finlandja	0	1	20	74	11	0	31	75
Franza	7	5	0	65	9	18	16	88
il-Greċja	0	5	0	63	0	0	0	68
l-Ungjerija	6	3	4	55	20	3	30	61
l-Irlanda	0	2	0	63	0	19	0	84
l-Italja	1	3	1	51	0	8	2	62
il-Litwanja	0	1	0	63	0	3	0	67
il-Lussemburgu	0	1	0	68	0	1	0	70
il-Latvja	0	1	1	63	10	2	11	66
Malta	0	1	0	54	0	0	0	55
il-Pajjiżi l-Baxxi	2	24	4	59	7	37	13	120
il-Polonja	2	1	0	63	7	1	9	65

il-Portugall	0	1	1	63	0	4	1	68
ir-Rumanija	0	0	0	53	0	0	0	53
l-Isvezja	15	2	10	72	8	5	33	79
is-Slovenja	0	1	0	64	0	2	0	67
is-Slovakkja	0	4	0	63	3	5	3	72
ir-Renju Unit	43	8	12	65	10	11	65	84
TOTAL	118	121	100		166	167	384	

9. Talbiet għall-assistenza reċiproka maħruġa minn kull Stat Membru fl-2009

	<i>Talbiet għat-Tagħrif</i>		<i>Allerti</i>		<i>Talbiet għall-Infurzar</i>		<i>TOTALI</i>	
	<i>Art. 6</i>	<i>Art. 7</i>	<i>Art. 6</i>	<i>Art. 7</i>	<i>Art. 8</i>	<i>Art. 8</i>	<i>Art. 8</i>	<i>Art. 8</i>
	<i>maħruġa</i>	<i>irċevuti</i>	<i>maħruġa</i>	<i>irċevuti</i>	<i>maħruġa</i>	<i>irċevuti</i>	<i>maħruġa</i>	<i>irċevuti</i>
l-Awstrija	0	7	1	32	6	5	7	44
il-Belġju	25	11	25	36	34	4	84	51
il-Bulgarija	1	3	0	31	0	0	1	34
Ċipru	0	3	0	31	0	0	0	34
ir-Repubblika Ċeka	0	2	0	31	4	3	4	36
il-Ġermanja	3	14	0	36	13	14	16	64
id-Danimarka	6	1	0	32	4	4	10	37
l-Estonja	0	3	0	33	6	4	6	40
Spanja	7	15	4	37	12	13	23	65
il-Finlandja	0	0	1	31	1	2	2	33
Franza	40	20	1	38	15	23	56	81
il-Greċja	0	0	0	31	0	0	0	31
l-Ungjerja	10	1	1	31	12	0	23	32
l-Irlanda	1	2	0	32	1	14	2	48
l-Italja	1	3	1	35	2	4	4	42
il-Litwanja	2	1	0	31	2	1	4	33
il-Lussemburgu	0	4	0	31	1	4	1	39
il-Latvja	0	3	1	31	5	2	6	36

Malta	0	3	0	31	3	0	3	34
il-Pajjiżi l-Baxxi	26	21	1	32	1	29	28	82
il-Polonja	0	1	0	33	3	1	3	35
il-Portugall	0	1	0	34	3	4	3	39
ir-Rumanija	0	0	0	31	1	4	1	35
l-Isvezja	4	4	0	35	8	5	12	44
is-Slovenja	0	0	0	31	0	0	0	31
is-Slovakkja	2	0	0	31	9	5	11	36
ir-Renju Unit	22	21	8	39	15	24	45	84
TOTAL	150	149	44		161	169	355	

10. Talbiet għall-assistenza reċiproka maħruġa minn kull Stat Membru fl-2010

	<i>Talbiet għat-Tagħrif</i>		<i>Allerti</i>		<i>Talbiet għall-Infurzar</i>		<i>TOTAL</i>	
	<i>Art. 6</i>	<i>Art. 7</i>	<i>Art. 6</i>	<i>Art. 7</i>	<i>Art. 8</i>	<i>Art. 8</i>	<i>Art. 6</i>	<i>Art. 7</i>
	<i>maħruġa</i>	<i>irċevuti</i>	<i>maħruġa</i>	<i>irċevuti</i>	<i>maħruġa</i>	<i>irċevuti</i>	<i>maħruġa</i>	<i>irċevuti</i>
l-Awstrija	3	5	0	22	4	2	7	29
il-Belġju	12	2	6	24	11	2	29	28
il-Bulgarija	0	0	4	21	0	0	4	21
Ċipru	0	2	1	22	0	2	1	26
ir-Repubblika Ċeka	2	0	1	22	1	5	4	27
il-Ġermanja	2	12	0	26	11	21	13	59
id-Danimarka	0	0	0	23	10	0	10	23
l-Estonja	0	0	0	21	1	0	1	21
Spanja	1	10	5	31	22	9	28	50
il-Finlandja	1	0	1	21	0	2	2	23
Franza	45	1	1	23	14	14	60	38
il-Greċja	0	1	0	22	1	0	1	23
l-Ungjerija	9	2	3	21	10	5	22	28
l-Irlanda	0	3	0	23	0	10	0	36
l-Italja	1	1	0	26	1	6	2	33

il-Litwanja	1	0	0	21	3	1	4	22
il-Lussemburgu	2	3	0	23	0	1	2	27
il-Latvja	0	0	0	21	6	3	6	24
Malta	0	1	0	21	8	1	8	23
il-Pajjiżi l-Baxxi	1	16	2	24	6	21	9	61
il-Polonja	0	0	0	23	5	5	5	28
il-Portugall	0	1	0	27	0	1	0	29
ir-Rumanija	0	1	0	23	0	1	0	25
l-Isvezja	1	4	2	22	3	4	6	30
is-Slovenja	1	0	0	21	0	0	1	21
is-Slovakkja	1	4	0	23	5	1	6	28
ir-Renju Unit	6	18	11	25	10	11	27	54
TOTAL	89	87	37		132	128	258	

11. Konnessjoni mas-CPCS u verifka tal-użu – Għadd ta' awtoritajiet Kompetenti - (Diċembru 2010)

<i>Utenti tas-CPCS</i>	<i>Awtoritajiet</i>
<i>Total ta' 750 utent attiv fi 30 pajjiż.</i>	<p><i>Total ta' 346 awtorità u 30 Uffiċċċju Uniku ta' Kooperazzjoni b'aċċess għas-CPCS</i></p> <p><i>30 % minn dawn qatt ma ħarġu talba għall-assistenza reċiproka minkejja li għandhom passwerd.</i></p>